MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 585/2014

**Kawza deciza 21 ta' Mejju 1999**

**Citazzjoni Nru: 543/95 GCD**

**Joseph Attard ghan-nom u in rapprezentanza**

**tal-Korporazzjoni Enemalta**

**u b' digriet tal-15 t'Ottubru 2014**

**Enemalta plc (C65836)**

**vs**

**Loreto Brincat**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Enemalta plc (C65836) tal-1 ta'Lulju 2014 li jaqra hekk:

*"Illi nforza ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti deciza fil-21 ta' Mejju 1999 (Citazzjoni Nru: 543/95 GCD) kif jidher mill-kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "A", l-esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-intimat fis-somma ta' Lm*

*337.69 (tliet mija u sebgha u tletin lira Maltin u disgha u sittin centezmu) li huwa ekwivalenti ghal EUR 786.61 (sebgha mija u sitta u tmenin Ewro u wiehed u sittin centezmu) oltre l-imghax legali u l-ispejjez gudizzjarji;*

*Illi l-intimat ghadu sallum ma hallas xejn minn dan l-ammont minnu dovut u l-esponenti ghandha interess illi tkompli tesegwixxi kontra l-intimat sabiex tottjeni l-hlas;*

*Illi minn dakinhar tas-sentenza sallum lahqu ghaddew (10) ghaxar snin u ghaldaqstant l-imsemmija sentenza ma hiex aktar esegwibbli hlief bl-awtorizazzjoni tal-Qorti a tenur tal-artikolu 258(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghalhekk l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tigi mitluba tordna l-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fil-21 ta' Mejju 1999 u dana a tenur tal-artikolu 258(a) tal-Kapitolu l2 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat illi l-atti tar-rikors, digiret u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati  lill-intimat skond il-ligi;

Rat il-kopja legali tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-21 ta’ Mejju 1999 fil-kawza fl-ismijiet ‘Joseph Attard nomine vs Loreto Brincat’ (cit. Nru. 543/95 GCD) li tinsab esebita a fol. 2 et seq;

Rat illi minn dik is-sentenza ma gie interpolat ebda appell;

Rat id-digriet tagħha tal-Erbgha 15 t’Ottubru, 2014, li bih akkordat  lill-intimat b’ terminu ta’ gimgha sabiex tressaq s-sottomissjonijiet, ai termini  tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u li l-intimata baqghet inadempjenti;

Rat id-digriet ta din il-Qorti  moghti fl-udjenza tal-Erbgha 15 t’Ottubru, 2014 fejn halliet il-kawza in difett ta` ostakolu ghal-lum;

Rat in-Nota ta’ Enemalta Plc (C65836) illi biha din l-istess Enemalta plc assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Enemalta ai termini tal-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 536 tal-Ligijiet

ta’Malta, u d-digriet ta’ din il-Qorti tal-15 t’Ottubru, 2014 li ordnat li l-korrezzjoni tigi riflessa fl-atti kollha tal-kawza;

Rat li ma hemm l-ebda ostakolu sabiex il-kawza tigi deciza llum;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

Din l-istanza tinkwadra ruhha fil-kuntest ta` l-Art.258 u 259 tal-Kap.12 .

Jirrizulta li s-sentenza moghtija 21 ta’ Mejju 1999 fil-kawza fl-ismijiet ‘Joseph Attard nomine vs Loreto Brincat’ (cit. Nru. 543/95 GCD) ghaddiet in gudikat u ghalhekk tikkostitwixxi titolu esekuttiv skond l-Art.253(a) tal- Kap.12 .

Jirrizulta li din is-sentenza baqghet ma gietx ezegwita u ghaddew aktar minn ghaxar snin minn meta setghet tigi ezegwita. Ghalhekk il-kaz jaqa` fl-ambitu tal- Art.258(a) tal-Kap.12 .

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li r-rikorrenti ottempera ruhu ukoll ma` dak li jipprovdi l-bqija tal-Art.258 tal-Kap.12 .

Wara li qieset l-atti ta` din il-procedura, din il-Qorti tghid li hija sodisfatta li s-sentenza ghad tista` tigi esegwita u ghalhekk it-titolu ezekuttiv ghadu jiswa`.

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tilqa` t-talba tas-socjeta’ rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------